MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 215/2008

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijet kienu jghixu flimkien, u mir-relazzjoni ta' bejniethom twieled it-tifel E fl-20 ta' Gunju 2005; li wara li giet terminata r-relazzjoni ta' bejniethom, it-tifel baqa' fil-kura materjali taghha, b' access favur il-konvenut; li l-konvenut jezercita l-access tieghu fi granet u hinijiet li jfettillu, u ghalhekk l-attrici ma tistax tippjana hajjitha; li l-attrici ghandha bzonn tahdem barra mid-dar biex taqla' l-ghejxien taghha; li hi taqla' hafna anqas mill-konvenut, u l-introjtu taghha mhux sufficjenti sabiex taqdi

l-bzonnijiet tal-minuri; li b' digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta' April 2008, matul il-process tal-medjazzjoni, l-konvenut gie ordnat li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri fl-ammont ta' €190 kull erba' gimghat, liema ammont l-attrici tikkunsidra li mhux adegwat; li l-attrici giet debitament awtorizzata biex taghmel din il-kawza; ghaldaqstant qeda titlob li din il-Qorti tordna: [1] li l-kura u kustodja tat-tifel E tigi fdata lilha b'access favur il-konvenut skond il-modalita' fissata minn din il-Qorti; [2][3][4] li l-konvenut jigi ordnat jhallas manteniment adegwat ghall-minuri, b' zieda annwali li tirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja, u li jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut; [5] li l-konvenut jhallas kull spiza li l-attrici jkollha taghmel ghaz-servizzi ta' *child care centres*, fejn ikun hemm bzonn; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda hekk: li huwa dejjem ivversa manteniment ghal ibnu; li ebda manteniment m' ghandu jkun dovut ghat-tifel stante li dan iqatta' hafna hin mieghu u mal-familjari tieghu, partikolarment man-nanna paterna li minn naha taghha tixtrilu kull ma jkollu bzonn; li l-ispejjez pretizi mill-attrici jinkludu spejjez li m' ghadhomx isiru llum, stante li t-tifel kiber, u wkoll uhud minnhom mhumiex spejjez inkorsi ghat-tifel; li hu m' ghadux jahdem *overtime* ghax m' ghandux ghalfejn jahdem izjed, peress li r-relazzjoni tieghu ma' l-attrici giet terminata, u ghalhekk l-introjtu ndikat fis-sena 2006 illum huwa ridott; li llum it-tifel imur l-iskola, u ghalhekk m' ghadhiex valida l-pretensjoni ghall-ispiza tac-*child care centres*; li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda "pienament fdata f' idejn l-intimat, jew *in subordine*, fdata konguntivament f' idejn iz-zewg genituri; li jichad li huwa jmur ghall-access meta jfettillu, u li hija l-attrici li mhux bniedma "ghal kollox responsabbli";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attrici, in sustanza, qeda titlob, li hi [1] tigi fdata bil-kura u kustodja tat-tifel 'E', wild

komuni tal-partijiet minn relazzjoni ta’ bejniethom, u li twieled fl-20 ta’ Gunju 2005, u li ghalhekk illum ghandu ‘l fuq minn hames [5] snin; filwaqt li l-konvenut ikollu access regolat; [2] li l-konvenut jigi ordnat li jhallas manteniment adegwat ghall-imsemmi minuri.

Min-naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jichad hafna mill-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici, u filwaqt li joggezzjoni ghat-talba taghha dwar il-kura u kustodja, jsostni li huwa lest li jkompli jhallas manteniment ghal ibnu, tenut kont tal-posizzjoni finanzjarja tieghu llum;

**Kura u Kustodja**

Illi permezz ta’ verbal registrat fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2008, il-partijiet qabblu li l-kura u kustodja legali tal-minuri tkun wahda kongunta, izda dik materjali tkun f’ idejn l-omm. Fl-istess udjenza din il-Qorti, il-prezenza tal-partijiet, stabbiliet is-segwenti modalita’ ta’ l-access tal-missier: kull nhar ta’ Tnejn, Hamis u Gimgha mill-4.30pm sas-7.30pm, u kull nhar ta’ Sibt mid-9.30 am sat-12.30 pm u nhar ta’ Hadd mis-2.30 pm sal-5.30 pm – b’mod alternat.

Illi, tenut kont li l-minuri llum ghandu hames snin, huwa fl-interess ta’ l-istess minuri li dan jkollu access itwal ma’ missieru li llum jghix man-nanniet paterni; min- naha l-ohra, il-fatt li t-tifel imur l-iskola u jigi lura bil-*homework*, jirrendi l-access frekwenti matul il-gimgha oneruz ghat-tifel u anke ghall-attrici; in fine anke l-ilmenti dwar id-distanza bejn ir-residenzi tal-partijiet qed jigi kkunsidrat.

Ghaldaqstant din il-Qorti tordna li l-access favur il-missier ikun hekk: kull nhar ta’ Erbgha bejn l-4.30pm u s-7.30 pm; u, kull gimgha b’mod alternat, mill-Gimgha 5.30 pm sas-Sibt 7.30 pm jew mis-Sibt 5.30 pm sal-Hadd 7.30 pm. Il-Qorti tosserva li dan l-arrangament, filwaqt li jaghti lit-tifel aktar spazju matul il-gimgha ghall-affarijiet tieghu, jaghtih aktar cans li jqatta’ hin twil ma’ missieru matul il-weekend.

Tordna wkoll li l-minuri jingabar mir-residenza tieghu, jew minn fejn il-partijiet jiftehmu, mill-konvenut, u jigi ritornat

minnu fl-istess post, jew post iehor miftiehem bejn il-partijiet.

In fine il-Qorti tissollecita lill-partijiet sabiex jipprovaw isolvu bonarjament il-vertenzi li jistghu jinqalghu f' dan ir-rigward, ghal gid u fl-interess tat-tifel li, fl-izvilupp normali tieghu, ghandu bzonn jirrelata tajjeb maz-zewg genituri

**Manteniment**

Illi permezz ta' digriet provvizorju moghti minn din il-Qorti matul il-process tal-medjazzjoni, il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici is-somma ta' €190 kull erba' gimghat bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment tal-minuri.

L-attrici ssostni li dan l-ammont mhuwiex wiehed adegwat tenut kont tal-bzonnijiet tal-minuri, filwaqt li l-konvenut jghid li huwa lest li jibqa' jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel fl-imsemmi ammont.

Illi skond id-dokumenti ezebiti l-attrici fis-sena 2008 kellha paga netta ta' €709.39 kull xahar; filwaqt li l-konvenut prezenta dokument li juri li fis-sena 2008 kellu paga ta' circa €884.46 kull erba' gimghat, dan huwa nferjuri ghall-ammont li kien jaqla' fis-sena 2006 meta kien jahdem l-overtime u kellu paga gross ta' LM10,774.38.

Illi din il-Qorti, tenut kont tal-bzonnijiet tal-minuri f' dan iz-zmien, u kkunsidrat il-pozizzjoni finanzjarja tal-partijiet, hija tal-fehema li l-manteniment ta' €190 kull erba' gimghat fissat minn din il-Qorti, flimkien ma' nofs l-ispejjez relattivi ghall-iskola, u nofs l-ispejjez rigwardanti s-sahha tal-minuri, jkun, manteniment adegwat u jikkawtela sew l-interessi tat-tifel.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel billi jhallas lill-attrici kull erba' gimghat is-somma ta' €190, oltre, nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni [inkluzi, trasport, uniformijiet, stationery u oggetti ohra bzonnjuzi ghall-iskola] u tas-sahha tal-minuri versu d-debiti ricevuti jew fatturi. Inoltre, il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici l-arretrat ta' manteniment ta' €126.68, jekk dan ghadu ma thallas, u kull arretrat iehor

bir-rata ta’ €190 kull erba’ gimgha li ghadu dovut sad-data ta’ din is-sentenza.

Dan l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja, skond l-indici ufficjali; u wkoll ghandu jigi mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut u mibghut fir-residenza ta’ l-attrici. L-attrici ghandha l-obbligu li tinnotifika lill-imghallem tal-konvenut bl-ordni odjerna.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi *rebus sic stantibus* billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba fit-termini stabbiliti u ordnati fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;
[2] tilqa’ t-tieni, it-tielet u r-raba talba fit-termini stabbiliti u ordnati fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[3] tichad it-tielet talba.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------